MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 304/2011

**Vodafone Malta Limited (C-10865)
Vs
Beatrix Fenech (K.I. 418583M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf, mija wiehed u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,191.35) rapprezentanti ammont dovut lis-socejta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv

kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta’ Novembru, 2011 mill-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi u l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u dan bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid, u bl-imghaxijiet legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------